MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2070/2000/1

**Victor u Carmen konjugi Deguara.**

**-vs-**

**HSBC Bank Malta plc gia Mid-Med Bank Limited, David Portelli, Raymond Bord, Favi Limited, Joseph Sammut u b' digriet tat-8 ta' Frar, 2002 Dr. Vincent Galea u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Louis Fredrick Packwood.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2000 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-attur akkwista bis-sahha ta' bejgh fl-irkant mizmum taht l-awtorita' tal-Qorti tal-Kummerc, fit-28 ta' Gunju,

1993, it-tielet kwarti (3/4) indivizi porzjon tal-fond bla numru cioe' kumpless maghruf bhala "The Highlander Pub and Restaurant", f' Elia Zammit Street, gia Saint Andrew Junction, San Giljan, konsistenti fi blokk ta' erba' (4) sulari, b' kantina sottoposta, accessibbli minn bieb wiehed bla numru fil-pjan terren, li huwa xi erba' (4) piedi oghla mit-triq, kollox konfinanti mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Bernarda Azzopardi jew successuri taghha, mix-Xlokk ma' Saint Andrews Junction, mill-Grigal ma' proprjeta' ta' l-eredi ta' Carmel Xuereb et, kollox suggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' sitt Liri Maltin u tnax il-centezmu u hames millezmi (Lm6.12c5);

Illi l-fond fuq deskritt kien jinsab liberat u gravat bis-segwenti ipoteki u privileggi:

1. **Privilegg Specjali** **I. 15576/1988** ghall-ammont ta' dsatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm19,500) minghajr imghaxijiet favur Louis Frederick Packwood fl-Atti tan-Nutar M. Felice tal-10 t' Awwissu 1988, liema drittijiet privileggjati gew posposti mill-istess Packwood favur il-Mid-Med Bank Limited permezz tan-Noti ta' Riferenzi **R.2734/1989, R. 2735/1989, R. 2812/1989** u **R. 2813/1989** fl-Atti tan-Nutar M. Felice tas-7 ta' Lulju 1989;

2. **Ipoteka Specjali** **I. 11371/1989** ghall-ammont ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) favur il-Mid-Med Bank Limited fl-Atti tan-Nutar M. Felice tas-7 ta' Lulju 1989, kif ukoll Ipoteka Specjali **I. 11749/1989** ghall-ammont ta' hmista il-elf Lira Maltin (Lm15,000) favur il-Mid-Med Bank Limited fl-Atti tan-Nutar M. Felice tas-7

ta’ Lulju 1989 – din it-tieni iskrizzjoni saret b’ korrezzjoni ta’ l-iskrizzjoni **I. 11371/1989** fejn l-ammont gie erronjament indikat bhala ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000);

3. **<u>Ipoteka Specjali</u> I. 11372/1989** ghall-ammont ta’ hmistax il-elf Lira Maltin (Lm15,000) favur il-Mid-Med Bank Limited fl-Atti tan-Nutar M. Felice tas-7 ta’ Lulju 1989, kif ukoll Ipoteka Specjali **I. 11750/1989** ghall-ammont ta’ ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) favur il-Mid-Med Bank Limited fl-Atti tan-Nutar M. Felice tas-7 ta’ Lulju 1989 – din it-tieni iskrizzjoni saret b’ korrezzjoni ta’ l-iskrizzjoni **I. 11372/1989** fejn l-ammont gie erronjament indikat bhala hmistax il-elf Lira Maltin (Lm15,000);

4. **<u>Ipoteka Specjali</u> I. 8462/1990** ghall-ammont ta’ erbat elef sebgha mija u ghaxar Liri Maltin (Lm4,710) bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-3 ta’ Dicembru 1989 favur David Portelli u Raymond Borg fl-Atti tan-Nutar A. Sammut tat-23 ta’ Marzu, 1990;

5. **<u>Ipoteka Specjali</u> I. 14612/1991** ghall-ammont ta’ sebgha u tletin elf tlett mija u sebgha u sittin Lira Maltin (Lm37,367) bl-imghaxijiet favur il-Mid-Med Bank Limited fl-Atti tan-Nutar M. Felice tat-8 t’ Awwissu, 1991;

6. **<u>Ipoteka Specjali</u> I. 16026/1991** ghall-ammont ta’ ghaxar elef Liri Maltin (Lm10,000) favur is-socjeta’ Favi Limited fl-Atti tan-Nutar Angelo Vella tal-10 ta’ Settembru, 1991;

7. **<u>Ipoteka Generali</u> I. 4726/1991** ghall-ammont ta’ ghaxar elef Liri Maltin (Lm10,000) favur is-socjeta’ Favi Limited fl-Atti tan-Nutar Angelo Vella tal-10 ta’ Settembru, 1991;

8. **<u>Ipoteka Specjali</u> I. 5097/1992** ghall-ammont ta’ elf sitt mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,650) favur

Joseph Sammut iskritt mir-Registratur tal-Qorti fl-24 ta' Marzu, 1992;

Illi d-disposti ta' l-Artikolu 356 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), dwar id-drittijiet ta' kredituri fuq beni immobbli liberat f' bejgh fl-irkant, jistipulaw fis-subartikolu (1) perijodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn ghall-istess kredituri sabiex jinforzaw id-drittijiet taghhom fuq il-beni immobbli hekk liberat, liema sentejn jibdew jghaddu mid-data ta' l-insinwa ta' l-att ta' liberazzjoni fir-Registru Pubbliku, u liema perijodu jissostitwixxi b' operat ta' l-istess subartikolu dak ta' ghaxar snin stipulat mill-artikolu 2086 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Illi l-atturi insinwaw l-att ta' liberazzjoni opportun fir-Registru Pubbliku fit-28 ta' Gunju 1993, kopja ta' l-estratt mir-Registru Pubbliku annessa (dok A);

Illi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 356 fuq imsemmi tal-Kap. 12 jistipula illi:

*(4) kull azzjoni mill-kreditur ipotekarju jew privileggjat kontra terzi li jkollhom pussess ta' hwejjeg immobbli akkwistati bis-sahha ta' bejgh fl-irkant tkun preskritta jekk il-protest imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2072 tal-Kodici Civili .... ma jigix pprezentat fi zmien is-sentejn jew l-erba' xhur imsemmija fis-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu ....*

Illi tali protest mill-kredituri fuq citati ma sarx fil-perijodu stipulat mill-Ligi, u cioe' fi zmien sentejn mit-28 ta' Gunju 1993 data ta' l-insinwa ta' l-att ta' liberazzjoni fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk kull azzjoni minnhom oramai tinsab preskritta;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi kull azzjoni mill-kredituri ipotekarji u privileggjati fuq citati fil-konfront ta' l-atturi fuq il-fond fuq deskritt hija preskritta u/jew perenta ai termini ta' l-Artikolu 356 (4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. tiddikjara u tiddeciedi illi kull jedd tal-kredituri ipotekarji u/jew privileggjati u l-istess privileggi u ipoteki fuq citati u l-istess ipoteki u privileggi tilfu effett bhala konsegwenza tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2084 u 356 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

3. Tordna ghaldaqstant it-thassir u l-kancellament ta' l-ipoteki u privileggi kollha fuq citati ai termini tal-Artikolu 2064 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

4. Tiffissa lok, jum u hin u tahtar Nutar sabiex jigi ppubblikat l-Att relattiv;

5. Tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti li jaddivjenu ghall-att imsemmi.

Bl-ispejjez u bir-rizerva ta' kull dritt fil-Ligi. Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Victor Deguara u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-atturi ppresentata fit-13 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha ceda t-talba fil-konfront tal-Bank konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati pprezentata fit-28 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati.

Rat li l-konvenuti l-ohra debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qed jitolbu l-kancellament ta’ diversi ipoteki gravanti l-propjeta imsemmija li huma xtraw permezz ta’ subasta wara li ghadda z-zmien impost mill-artikolu 356 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mill-provi processwali jidher li din it-talba ghandha tintlaqa u fil-fatt ma’ gietx kontradetta mill-konvenuti.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attrici billi:**

**1. tiddikjara li kull azzjoni mill-kredituri ipotekarji fil-konfront tal-atturi fuq il-fond fuq imsemmi hija preskritta a tenur tal-imsemmi 356 (4) tal-Kap. 12;**

**2. tiddikjara li kull jedd tal-imsemmija kredituri u l-istess privileggi u ipoteki imsemmija tilfu kull effett ai termini tal-artiklu 2084 tal-Kap. 16;**

**3. tordna t-thassir u kancellament tal-ipoteki u privileggi kollha fuq citati ai termini tal-istess artiklu 2084 tal-Kodici Civili;**

**4. tordna li tali kancellament isir fit-2 ta' Gunju, 2004 f' nofs inhar fl-edificcju tal-Qorti u tahtar lin-Nutar Elena Farrugia biex tippublika l-att relattiv;**

**5. tahtar bhala kuraturi deputati lill-Avukat Dottor David Farrugia Sacco, biex jirrappresenta lill-konvenuti David Portelli, Raymond Bord, Favi Limited u Joseph Sammut fl-eventwali kontumacja taghhom; m' hemmx lok ghal hatra ta' kuratur biex jirraprezenta lil Louis Frederick Packwood billi dan ghandu jkun rappresentat f' kull kaz mill-kuratur deputat Dottor Vincent Galea.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti ugwalment bejniethom, eccetto l-ispejjez tal-Bank HSBC li ghandhom jithallsu mill-atturi billi ma' jidhirx li kien interpellahom biex jersqu ghall-att relattiv. L-ispejjez tal-kuraturi ghandhom jithallsu pero' provizorjament mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------